TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 29/2026**

Data: Il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:45

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

TARXIEN
Local Council

**29.1 Ittri ta' apoloġija**

29.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sa Anabelle Marmara u s-Sa. Nicole Farrugia talbu sabiex jiġu skużati mil-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament li dawn il-membri jitniżżlu bħala skużati.

**29.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 28**

29.2.1 Fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Dasier Damato, il-Minuti tal-Laqgħa Nu 28 ġew approvati kif imresqa.

**29.3 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti Nu 24**

29.3.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Neil Portelli, ġiet approvata skeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn is-16 ta' Mejju 2026 u s-16 ta' Ġunju 2026, li kienet tammonta għal €60,553.48.

**29.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjaru għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2026**

29.4.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Dasier Damato, ġie approvat ir-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2026.

**29.5 Punti li joħorġu mill-Minuti**

29.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-bust tal-artist Tarxiniż **Renzo Gauci** jinsab fi stadju avvanzat u mistenni jitlesta fil-jiem li ġejjin. Huwa informa wkoll li x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-ġnien fejn ser jitqiegħed il-bust huma kważi lesti.

Is-Sindku ppropona li l-inawgurazzjoni tal-bust issir **nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu**.

B'rabta ma' din l-attività, is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali jiffinanzja l-parteċipazzjoni taż-żewġ baned tar-raħal sabiex idoqqu matul l-inawgurazzjoni u joħorġu bil-vari li kienu ġew iddisinjati mill-artist Renzo Gauci nnifsu. Barra minn hekk, ġie propost li mal-gallariji tar-residenti jitellgħu wkoll il-bandalori li kienu ġew iddisinjati mill-istess artist.

TARXIEN
Local Council

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u ġie deċiż li l-attività tkun organizzata taħt it-tema **"Festa Renzo"**, bħala ġieħ lill-kontribut artistiku u kulturali tiegħu lejn il-lokalità.

Is-Sindku ppropona wkoll li fil-ġnien jitħawlu arbuxelli jew siġar taż-żebbuġ f'isem l-għaqdiet Tarxiniżi, b'tabella kommemorattiva għal kull għaqda bħala simbolu ta' għaqda u ta' tifkira permanenti. Il-Kunsill qabel ukoll ma' din il-proposta.

Fl-aħħar nett, is-Sindku informa lill-Kunsill li għall-attività ser ikunu mistiedna **l-Aġenzija Komunità Malta** kif ukoll il-Ministru responsabbli mill-Aġenzija, **l-Onor. Byron Camilleri**, flimkien ma' mistednin oħra.

29.5.2 Is-Sindku talab lill-Kunsillier **Neil Portelli** sabiex ikompli jsegwi u jikkomunika ma' **Transport Malta** dwar il-proposta li s-servizz tal-linja tal-karozzi tal-linja jibda jgħaddi minn **Triq Daniel Ceci**, bil-għan li tittejjeb l-aċċessibbiltà għar-residenti taż-żona.

Huwa fakkar ukoll lill-Kunsillier Portelli li kien ġie mitlub jieħu l-kejl meħtieġ fuq il-post sabiex jiġi vverifikat jekk il-karozzi tal-linja jistgħux jgħaddu minn din it-triq b'mod sigur u mingħajr diffikultà, qabel ma tkompli d-diskussjoni ma' Transport Malta.

29.5.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-pjanti relatati mal-proġett ta' **Misraħ Buleben** waslu mingħand il-~~Partit~~ Perit u qed jiġu annessi ma' dawn il-minuti bħala **Dok. A**.

Huwa spjega li l-pass li jmiss huwa li l-Kunsill jinforma lill-perit sabiex ikompli bil-preparazzjoni u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-**Planning Authority Planning Fund**, kif ukoll bil-preparazzjoni tal-**Bill of Quantities** meħtieġ sabiex il-proġett ikun jista' javvanza għall-fażi li jmiss. Il-Kunsill ħa nota u qabel li jitkomplew il-proċeduri meħtieġa.

29.5.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-proġett ta' **restawr u manutenzjoni tal-funtana fi Ġnien Ovindoli**. Huwa spjega li l-intervent ser jinkludi xogħlijiet ta' restawr u manutenzjoni sabiex il-funtana terġa' tingħata d-dehra u l-funzjonalità tagħha, filwaqt li tittejjeb il-kwalità estetika tal-ġnien.

Is-Sindku informa wkoll li l-ispiża stmata tal-proġett kollu hija ta' **madwar €20,000**, u li ser jitkomplew il-passi meħtieġa sabiex ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jibdew fil-ħin opportun. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni ppreżentata.

29.5.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li matul l-aħħar ġimgħat sar **żbir ta' numru ta' siġar** f'diversi żoni tal-lokalità bħala parti mill-programm regolari ta' manutenzjoni u ġestjoni tal-ispazji pubbliċi.

Huwa spjega li dawn ix-xogħlijiet kienu meħtieġa kemm għal raġunijiet ta' sigurtà kif ukoll biex tittejjeb id-dehra tal-lokalità u tinżamm is-saħħa tas-siġar. Il-Kunsill ħa nota tal-ħidma mwettqa.

TARXIEN
Local Council

29.5.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li **bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett tal-latrina pubblika**, li huwa intiż biex jipprovdi faċilità moderna, aċċessibbli u adegwata kemm għar-residenti kif ukoll għall-pubbliku li jżur il-lokalità.

Huwa spjega li dan il-proġett jifforma parti mill-impenn tal-Kunsill sabiex ikompli jtejjeb il-faċilitajiet pubbliċi fil-lokalità u joffri servizz aħjar lill-komunità. Il-Kunsill ħa nota tal-progress li qed isir fuq dan il-proġett.

29.5.7 s-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiem il-ġdid ingaġġat taħt l-iskema **CWSF** beda jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala **xufier tal-vann tal-Kunsill Lokali**.

Huwa spjega li s-servizz tal-vann qed jopera b'mod sodisfaċenti u qed jintlaqa' tajjeb mir-residenti, peress li qed jindirizza b'mod effettiv it-talbiet li qed isiru lill-Kunsill. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-mod kif is-servizz beda jiffunzjona u sostna li dan ser ikompli jsaħħaħ il-kapaċità tal-Kunsill li jirrispondi b'mod aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tal-komunità. Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament.

29.5.8 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier **Dasier Damato** tal-inizjattiva li ħa sabiex jerġgħu jibdew isiru **l-lezzjonijiet taż-Zumba fi Ġnien Ovindoli**.

Huwa qal li din l-inizjattiva tikkontribwixxi biex il-ġnien jibqa' spazju ħaj u attiv għall-komunità, filwaqt li tħeġġeġ stil ta' ħajja aktar b'saħħtu u żżid l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet rikreattivi għall-familji u r-residenti. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon din l-inizjattiva u awgura suċċess għall-attivitajiet li ser ikomplu jiġu organizzati.

29.5.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, fuq inizjattiva tal-Kunsillier **Dasier Damato**, u b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, kien qed jiġi organizzat **Open Air Cinema** fi **Ġnien Veliko Turnovo**, li kien skedat li jsir **nhar is-26 ta' Ġunju**.

Matul id-diskussjoni, is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li, minkejja li l-attività kienet fuq skala relattivament żgħira, xorta waħda kien meħtieġ li qabel l-attività titwettaq **risk assessment** adegwat u li l-Kunsill jiżgura li jkun hemm **kopertura tal-assigurazzjoni** meħtieġa, sabiex jiġu osservati l-obbligi legali u jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-pubbliku. Il-Kunsill ħa nota u qabel li jiġu osservati dawn ir-rekwiżiti qabel ma ssir l-attività.

29.5.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li **Infrastructure Malta** stiednet lill-Kunsill Lokali sabiex jissottometti l-lista tal-prijoritajiet tiegħu għax-xogħlijiet fit-toroq li jixtieq li jiġu kkunsidrati fil-programm ta' ħidma għas-snin **2026/2027**.

Huwa spjega li, flimkien mal-Kunsillier responsabbli mix-xogħlijiet pubbliċi, **is-Sur Neil Portelli**, saru diversi żjarat madwar il-lokalità fejn ġew identifikati numru ta' toroq li jeħtieġu intervent u li ser jiġu proposti lil Infrastructure Malta bħala prijorità.

Is-Sindku informa wkoll li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa ma' **Infrastructure Malta** sabiex jiġu diskussi fid-dettall dawn il-prijoritajiet u jiġi evalwat kif jistgħu jiġu inklużi fil-programm ta' xogħlijiet tal-entità.

Fl-aħħar nett, huwa informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet fuq il-proġett tal-pjazza ser ikomplu **wara l-festa tad-Duttrina**, skont il-programm ta' ħidma stabbilit. Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament.

29.5.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li komplew il-laqgħat ma' **Project Green** rigward il-proġett ta' tisbiħ taż-żona magħrufa bħala **Ġnien Mar Farrugia**. Huwa spjega li matul dawn il-laqgħat ġie diskuss fid-dettall il-pjan propost għar-riġenerazzjoni ta' dan l-ispazju miftuħ, li x-xogħlijiet fuqu ser jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ta' **Project Green**. **Il-pjanta proposta qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti bħala Dok. B.**

Is-Sindku fakkar li l-monument tal-mibki **Kuntistabbli Mark Farrugia** kien ġie rilokat ħdejn il-grawnd li llum iġib ismu, wara talba li saret mill-familjari tiegħu u li kienet ġiet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali.

Fid-dawl ta' dan, u b'referenza għad-diskussjonijiet li kienu diġà bdew f'laqgħa informali li saret qabel il-laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku ppropona li dan l-ispazju miftuħ jingħata isem ġdid, u ppropona li jibda jkun magħruf bħala **"Spazju Ġrajjitna"**.

Is-Sindku spjega li dan l-isem jirrifletti aħjar il-karattru tal-ispazju bħala post miftuħ għall-komunità, li jrawwem l-identità lokali, filwaqt li jagħti valur lill-istorja u lill-wirt tal-lokalità.

Wara diskussjoni, il-Kunsill **approva unanimament** il-proposta sabiex l-ispazju jingħata l-isem **"Spazju Ġrajjitna"**, filwaqt li ġew awtorizzati l-passi amministrattivi meħtieġa sabiex l-isem il-ġdid jiġi adottat uffiċjalment.

**29.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li **l-applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta ma' Transport Malta matul ix-xahar ta' Mejju** taħt l-iskema ta' finanzjament kienet ġiet **approvata**.

Huwa spjega li permezz ta' din l-iskema, il-Kunsill ser jingħata **finanzjament ta' €20,000**, li ser jintuża għax-xiri u l-installazzjoni ta' **pots taċ-ċeramika** sabiex jitkompla t-tisbiħ u t-tisħiħ tal-ispazji pubbliċi u l-ġonna fil-lokalità.

29.6.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li **l-installazzjonijiet artistiċi mwaħħla mal-ħajt fi Triq Palma** bdew juru sinjali evidenti ta' deterjorament, b'mod partikolari minħabba li l-istampi tilfu l-kulur tagħhom minħabba l-espożizzjoni għax-xemx u l-elementi tat-temp. Għaldaqstant, hemm il-ħtieġa li dawn jiġu sostitwiti.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li **l-għaqdiet rispettivi jiġu kkuntattjati** sabiex jiġu mistoqsija jekk jixtiqux iżommu l-istess ritratti li hemm installati bħalissa jew inkella jipproponu ritratti ġodda għas-sostituzzjoni tagħhom.

Is-Sindku spjega li, irrispettivament minn jekk l-għaqda tagħżelx li żżomm l-istess ritratti jew tibdilhom, **kull għaqda ser tibqa' intitolata għall-istess numru ta' installazzjonijiet/ritratti** kif għandha preżentement. Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta.

29.6.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jipproponi wkoll li jiġi kkummissjonat **disinn artistiku xieraq għall-ħajt fi Triq ~~id-Dejqa~~ il-Kbira, quddiem il-Knisja**, bil-għan li jitkompla t-tisbiħ ta' din iż-żona prominenti tal-lokalità u jingħata dehra aktar attraenti u identità viżwali aktar b'saħħitha.

Matul id-diskussjoni ġew espressi diversi opinjonijiet mill-membri tal-Kunsill dwar il-kunċett u l-mod kif għandu jiġi żviluppat dan il-proġett. Wara li ġew ikkunsidrati l-fehmiet kollha, ġie konkluż li l-aħjar triq 'il quddiem hija li **l-Kunsill jikkummissjona disinjatur sabiex iħejji proposta artistika**, li mbagħad tiġi ppreżentata lill-Kunsill għal diskussjoni u approvazzjoni qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni finali dwar l-implimentazzjoni tagħha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

29.6.4 Is-Sindku talab lill-Kunsillier **Glenn Urry** sabiex ikompli l-komunikazzjoni ma' **Tarxien Rainbows FC** bil-għan li **sal-ewwel ġimgħa ta' Lulju** tiġi finalizzata l-iskeda għall-użu tal-faċilitajiet sportivi.

Huwa spjega li huwa importanti li l-iskeda tiġi konkluża fi żmien xieraq sabiex kemm il-Kunsill kif ukoll il-klabb ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom b'mod effiċjenti u tiġi evitata kwalunkwe diffikultà fl-użu tal-faċilitajiet.

29.6.5 Is-Sindku ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill ilment li kien wasal mingħand residenti ta' **Triq Betta** dwar il-problema ta' parkeġġ irregolari fiż-żona. Huwa spjega li, bħala parti mit-talba, kien ġie ssuġġerit li jiġu installati **kameras tas-CCTV** sabiex jgħinu fl-identifikazzjoni tal-vetturi li qed joħolqu inkonvenjent.

Wara diskussjoni fost il-membri tal-Kunsill, ġie kkunsidrat li l-installazzjoni ta' CCTV f'dan il-każ ma kinitx tkun is-soluzzjoni xierqa għall-problema mqajma. Għaldaqstant, il-Kunsill **iddeċieda unanimament li ma jipproċedix bl-installazzjoni ta' kameras tas-CCTV** f'din iż-żona, filwaqt li ġie nnutat li l-Kunsill ser ikompli jikkunsidra mezzi oħra li jistgħu jindirizzaw il-problema tal-parkeġġ.

29.6.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wasal **ilment mingħand residenti ta' Triq Xintill** dwar siġar taż-żebbuġ li, minħabba l-għeruq tagħhom, qed jikkawżaw ħsarat lill-proprjetajiet ta' terzi, b'mod partikolari quddiem **Dar il-Kejka**.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

Huwa żied li problema simili teżisti wkoll quddiem ir-residenza tal-**Arċipriet**, fejn l-għeruq tas-siġar qed jikkawżaw ħsarat lill-bankina u lill-madwar.

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-perit tal-Kunsill kienet diġà lestiet rapport tekniku dwar is-sitwazzjoni fi **Triq Xintill** u li kienet ser tagħmel l-istess evalwazzjoni fir-rigward tas-siġar quddiem id-dar tal-Arċipriet, sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata.

Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qiesu li, **minflok ma s-siġar jitħawlu direttament fil-bankina, għandu jiġi studjat il-possibbiltà li dawn jitqiegħdu f'qsari (pots) xierqa**, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' ħsarat futuri kkawżati mill-għeruq, filwaqt li jinżamm l-element ta' tisbiħ u ħdura fil-lokalità. Ġie deċiż li din il-proposta tiġi evalwata mill-perit bħala parti mis-soluzzjonijiet possibbli.

29.6.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali kien irċieva talba mingħand **l-Onor. Michael Piccinino** sabiex jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu unanimament li l-laqgħa ssir **nhar l-20 ta' Ġunju fl-4:00 p.m.**, sabiex jiġu diskussi suġġetti ta' interess għall-lokalità u tingħata l-opportunità għal skambju ta' fehmiet bejn il-Kunsill u l-Onor. Michael Piccinino.

29.6.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li tlestiet l-installazzjoni tal-**solar poles** fiż-żona ta' fuq ta' **Ġnien Joanne** kif ukoll f'**Misraħ ir-Raħeb**.

Huwa fakkar li dan kien **proġett imwettaq mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi**, li permezz tiegħu żdied id-dawl pubbliku f'dawn iż-żewġ spazji miftuħa, filwaqt li ġiet promossa wkoll is-sostenibbiltà permezz tal-użu ta' teknoloġija li taħdem bl-enerġija solari.

29.6.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet qamet problema relatata mas-sinjali tat-traffiku f' traf it-**Triq Kurunell Mas**, fejn ir-residenti li joqogħdu f' din it-triq ma setgħux jagħmlu **U-turn** sabiex jidħlu jew joħorġu mir-residenza tagħhom, u dan kien qed jikkawżalhom inkonvenjent kontinwu.

Huwa spjega li, wara diversi lmenti li waslu mingħand ir-residenti, it-tabelli tat-traffiku tneħħew, peress li r-residenti kienu qed jiġu mmultati minħabba s-sitwazzjoni eżistenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-perit tal-Kunsill kienet diġà ġiet infurmata b'dak li seħħ. Hija talbet lis-Sindku u lill-Kunsillier responsabbli mit-toroq, **is-Sur Neil Portelli**, sabiex jinfurmaw uffiċjalment lil **Transport Malta** b'din is-sitwazzjoni u jitolbu d-direzzjoni u l-approvazzjoni formali tal-entità, inkluż l-approvazzjoni ta' **Traffic Management Plan** aġġornat li

jirrifletti t-tneħħija tas-sinjali tat-traffiku sabiex kwalunkwe bidla fis-sinjali tat-traffiku tkun regolarizzata u approvata skont il-proċeduri stabbiliti.

29.6.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ħaddiema li ġiet allokata permezz tal-**Community Work Scheme Foundation (CWSF)** sabiex twettaq xogħol ta' **Front Office** kienet mistennija tibda fil-jiem li ġejjin, sabiex tkompli ssaħħaħ is-servizz mogħti lir-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informat ukoll lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema fi **Skala 16**. Hija spjegat li żewġ impjegati kienu bdew isegwu kors sabiex jiksbu **kwalifika MQF Livell 3 ġewwa l-MCAST**, li hija rekwiżit meħtieġ għall-progressjoni fil-karriera. Madankollu, waħda mill-impjegati ddeċidiet li twaqqaf il-kors.

Il-Kunsilliera staqsew dwar ir-raġuni ta' din id-deċiżjoni, u s-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-impjegata ħasset li l-livell u l-kontenut tal-kors ma kinux adattati għax-xogħol li twettaq bħalissa. Hija ċċarat li din kienet deċiżjoni personali tal-impjegata u li kienet diġà spjegatilha li, mingħajr il-kwalifika meħtieġa ta' **MQF Livell 3**, ma tkunx tista' tavvanza għall-**Skala 15**, kif previst mir-rekwiżiti tal-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni.

29.6.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet waslet **ittra ta' ilment** mingħand persuna li allegat li waqgħet fuq bankina fil-lokalità u sofriet xi ġrieħi bħala riżultat tal-inċident.

Is-Segretaru Eżekuttiva spjegat li, hekk kif waslet il-korrispondenza, il-każ ġie rrappurtat lill-avukat tal-Kunsill kif ukoll lill-kumpanija tal-assigurazzjoni, sabiex jiġu attivati l-proċeduri meħtieġa skont il-poloz tal-assigurazzjoni u l-proċessi legali applikabbli.

Hija żiedet li l-Kunsill ser ikompli jsegwi l-każ skont il-proċeduri stabbiliti, filwaqt li kull komunikazzjoni ulterjuri ser issir permezz tal-konsulenti legali u tal-assigurazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni.

**29.7 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

29.7.1 Il-Viċi Sindku, **Darlene Vella** informat lill-Kunsill li, għall-preżent, il-korsijiet tal-**Lifelong Learning** ma jistgħux jitkomplew jiġu organizzati, peress li s-sala tal-komunità qed tintuża temporanjament mill-

Kunsill Lokali sabiex ikunu jistgħu jitwettqu xogħlijiet amministrattivi waqt il-perjodu tax-xogħlijiet li għaddejjin.

Hija żiedet li, ladarba jgħaddi l-perjodu tas-sajf u s-sitwazzjoni terġa' lura għan-normal, għandha l-intenzjoni tibda tippjana l-attivitajiet għall-aħħar tas-sena, fosthom **festin tal-Milied għall-għaqdiet volontarji tal-lokalità**, bħala rikonoxximent tal-ħidma u l-kontribut tagħhom fil-komunità.

29.7.2 Il-Viċi Sindku, **is-Sinjura Darlene Vella**, talbet sabiex tiġi kkunsidrata l-installazzjoni ta' **railing ta' protezzjoni** fis-subway li jagħti lejn **Santa Luċija**, bil-għan li tissaħħaħ is-sigurtà tal-persuni li jużaw dan il-passaġġ, b'mod partikolari persuni anzjani, tfal u persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

**29.8 Aġġornament**

29.8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-seba' ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok A.







Notes:

W.S.F. - Weathered Stone Finish

T.A. - Timber Aperture

A.A. - Aluminium Aperture

M.A. - Metal Aperture

P.V.C. - PVC Aperture

W.I.R. - Wrought Iron Railings

A.R. - Aluminium Railing

F.I.F. - Fug Il-Fil Finish

P.P.F. - Plastered Paint Finish

P.V.C.S. - PVC Sign

G.S.R.S. - Galvanized Steel Roller Shutter

- All party walls unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and white plastered paint finish

- All roof structures unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and plastered paint finish on all facades

- Back facade unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and and white plastered paint finish.

- All apertures (including external) unless shown differently on drawing to consist of Aluminium or PVC apertures

- All Dimensions are not to be scaled from drawing, any dimensions are to be requested to and provided by (X,Y,Z) Architecture & Design

- this drawing is the copyright of (X,Y,Z) Architecture & Design. Unauthorized re-use or copying in whole or part is prohibited

Revisions


(X,Y,Z)
ARCHITECTURE & DESIGN
45, Triq F.S Caruana
Birkirkara, Malta BKR1232
Studio: 27603637
www.xyz.com.mt
info@xyz.com.mt


XYZ [2030]a

01001 00

For CLIENT






Notes:

W.S.F. - Weathered Stone Finish
T.A. - Timber Aperture
A.A. - Aluminium Aperture
M.A. - Metal Aperture
P.V.C. - PVC Aperture
W.I.R. - Wrought Iron Railings
A.R. - Aluminium Railing
F.I.F. - Fuq Il-Fil Finish
P.P.F. - Plastered Paint Finish
P.V.C.S. - PVC Sign
G.S.R.S. - Galvanized Steel Roller Shutter

- All party walls unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and white plastered paint finish
- All roof structures unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and plastered paint finish on all facades
- Back facade unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and and white plastered paint finish.
- All apertures (including external) unless shown differently on drawing to consist of Aluminium or PVC apertures
- All Dimensions are not to be scaled from drawing, any dimensions are to be requested to and provided by (X,Y,Z) Architecture & Design

- This drawing is the copyright of (X,Y,Z) Architecture & Design. Unauthorized re-use or copying in whole or part is prohibited

Revisions

| REV | DATE | BY | DESCRIPTION |
|---|---|---|---|
| 00 | [illegible] | [illegible] | Original Submission |

(X,Y,Z)
ARCHITECTURE & DESIGN
45, Triq F.S Caruana
Birkirkara, Malta BKR1232
Studio: 27603637
www.xyz.com.mt
info@xyz.com.mt

| | |
|---|---|
| CLIENT | TARXIEN LOCAL COUNCIL |
| PROJECT | REGENERATION OF PLAYGROUND AT MISRAH BULEBEN |
| LOCATION | TRIQ BULEBEN c/w TRIQ ANGLU MANGION c/w TRIQ G.FAURE c/w TRIQ W.DESPOTT |
| DWG TITLE | DRAFT PROPOSAL 01 |
| JOB REF | XYZ [2030]a |
| DWG REF | 01001 00 |
| | For CLIENT |

Dok B



TRIQ SARDINJA
TRIQ NAPULJUN CARUANA DINGLI
TRIQ GEORGE CARUANA
PHOTO 1
PHOTO 2
PHOTO 3
PHOTO 4
PHOTO 5
Project Green




TRIQ NAPULJUN CARUANA DINGLI
TRIQ SARDINJA
TRIQ GEORGE CARUANA
Laying of new pathway and installation of street furniture
Installation of a circular water storage tank for irrigation purposes, including overlying planter and timber panelling for concealment
Time-restricted parking space reserved for a water bowser during the refilling of the water tank
Installation of lightweight fencing around existing palm tree
Project Green




TRIQ NAPULJUN CARUANA DINGLI
TRIQ SARDINJA
TRIQ GEORGE CARUANA
Laying of new pathway and installation of street furniture
Installation of a circular water storage tank for irrigation purposes, including overlying planter and timber panelling for concealment
Time-restricted parking space reserved for a water bowser during the refilling of the water tank
Installation of lightweight fencing around existing palm tree
Project Green




GNIEN MARK FARRUGIA
PHOTO 01
PHOTO 02
PHOTO 03
PHOTO 04
PHOTO 05
TRIQ GEORGE CARUANA
TRIQ NAPULJUN CARUANA DINGLI
TRIQ SARDINJA
TRIQ IL-HAGAR
TARXIEN PREHISTORIC TEMPLES
TRIQ SAN FRANGISK
TRIQ KENT
3969800
3969700
3969600
3969500
3969400
3969300
456000
456100
456200
456300
Meters
0 25 50 100 150 200 250
1:2,500
Date Printed: 06/04/2026
PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin, Floriana




| PROPOSED MATERIAL LEGEND | |
|---|---|
| REF | NAME |
| | Geogrid infilled with Light Brown Coloured Gravel |
| | Soil |

| PROPOSED M & E EQUIPMENT | | |
|---|---|---|
| REF | NAME | # |
| | *Lighting Type A Bollards* | 16 |
| | *Lighting Type B Electrical Poles* | 1 |
| | *Lighting Type C Suspended Light Fittings* | - |
| CCTV | *CCTV* | 06 |
| | *Wifi Antenna & 4G Network* | 06 |

NOTES

DEMOLISH

PROPOSED

APPROVED BUT NOT CONSTRUCTED

SANCTION

***Vegetation*** type, size and its precise position needs to be verified on-site. The actual locations of trees may vary from those indicated in the drawings, allowing for minor adjustments between the drawings and the site. Prior confirmation whether soil depth >/= 1.2m is to be carried out when planting new trees. In the negative, the Contracting Authority representative needs to be notified immediately.
***Foundations*** are to be designed according to material specifications, manufacturer's instructions and ground conditions. The Contractor and their Perit are responsible for this design and any preparatory work that is required for the installation, including but not limited to the preparation of adequate foundation on the ground.
***Areas*** are only indicative - all necessary works should be carried out as deemed fit on site and as specified in supporting documentation.
***Access-for-All:***
1. Maximum threshold is 15mm, in accordance with any current AADG guidelines.
2. Maximum change in level between continuously accessible-for-all areas is 15mm, in accordance with AADG guidelines.
3. All external paving material to be non-slip and conforming to AADG or subsequent standards.
***Dimension in mm, unless stated otherwise.***

FOR **PERMIT** PURPOSES ONLY

| REV | DATE | DESCRIPTION | SURVEYED | DRAWN | CHECKED |
|---|---|---|---|---|---|
| 00 | 26/06/12 | Original Submission | RB | OA | GS |
| | | | SCALE: 1:100 | PAPER: A3 | DATE: 16/06/2026 |
| | | | REF: TXN 004 | | |

PROJECT: Embellishment Works at Gnien Mark Farrugia, Tarxien

LOCATION: Gnien Mark Farrugia, Tarxien

DRAWING: TXN004-PA-L0-02-R0

Project Green